MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 226/2006

Kawza fil-lista: 27

**A B C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk ;

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-21 ta' Lulju tas-sena 1990, fil-Knisja ta' San Guzepp, Qala, Ghawdex, skond kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg taghhom numru 90 tas-sena 1990 fir-Registru taz-Zwigijiet, Ghawdex, illi kopja tieghu qed tigi annessa ma' dan ir-rikors u esebita u mmarkata bhala Dokument A.

2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet hija regolata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ffirmat it-8 ta' Marzu 2005 in atti n-Nutar Gertrude Farrugia Wismayer.

3. Illi l-prezenti proceduri qeghdin isiru sabiex iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta' Lulju 1990 jigi dikjarat null u bla effett skond il-Ligi, stante li l-kunsens ta' l-attrici nkiseb bi vjolenza morali jew biza' ai termini ta'l-Artikolu 19(1)(a) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

4. Illi z-zwieg tal-kontendenti ccelebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta' Lulju 1990 huwa null u bla effett fil-Ligi stante illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li setghet mix-xorta taghha, tfixkel serjament il-hajja mizzewga, u dan ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(c) ta' l-Att dwar iz-Zwieg ta' l-1975.

5. Illi ulterjorment iz-zwieg tal-kontendenti huwa null ukoll peress li l-kunsens ta' l-intimat kien ivvizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b' anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg ta' l-1975.

6. Illi ulterjorment, iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi, ghall-fini ta' l-Artikolu 19(1)(f) stante li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Ghaldaqstant l-attrici, in vista ta' dan kollu fuq premess, titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti nhar il-21 ta' Lulju 1990 huwa null u bla effett ghal kull fini u effett tal-Ligi.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jannota tali nullita' ta' l-Att taz-Zwieg numru 90 tas-sena 1990.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha eccepixxa li ma jezistux cirkostranzi li jaghtu lok ghall-annullament taz-zwieg ; u anke jekk jirrizultaw tali cirkostanzi, dawn jirrigwardaw l-agir ta' l-attrici, u ghalhekk hu m' ghandux ibati spejjez ta' dawn il-proceduri ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut huwa null fil-ligi stante li l-kunsens materjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [a], dak ta' "wahda mill-partijiet", fit-termini tal-paragrafu [c], u dak taz-zewg partijiet, fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jopponi ghal din it-talba, u in subordine, jghid li, jekk iz-zwieg huwa null, dan mhux tort tieghu.

**Il-Fatti**
Illi jirrizulta mill-provi li l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Lulju 1990, meta allura l-attrici kellha 18-il sena u l-konvenut kellu 25 sena u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa erba' snin. Minn dan iz-zwieg twieldu tlett-it tfal, fil-21 ta' Gunju 1995, fit-3 ta' Marzu 1997 u fil-15 ta' Marzu 2000. Wara konvivenza ta' circa erbatax-il [14] sena l-partijiet isseparaw de facto f' April 2004.

*Verzjoni Attrici*

Illi l-attrici fl-affidavit taghha taghti stampa dettaljata u komprensiva tas-sitwazzjoni taghha qabel iz-zwieg, u tad-diffikultajiet kontinwi li rriskontrat fil-hajja matrimonjali, principalment minhabba l-problema tax-xorb tal-konvenut.

Hi tispjega li kienet bdiet tohrog mal-konvenut meta kellha 14-il sena, u f' dan ir-rigward kienet imbuttata minn niesu u anke minn ommha li sa dak iz-zmien kienet ifformat opinjoni tajba tal-konvenut minn dak li kien jghid quddiemha, u ghalhekk ezercitat l-influwenza taghha sabiex bintha tkompli f' din ir-relazzjoni. Sadanittant, peress li l-attrici kienet tghix Malta u l-konvenut kien jghix Ghawdex, il-hrug taghhom fl-imkien kien necessarjament limitat, izda l-partijiet xorta sabu zmien biex ikollhom x' jaqsmu flimkien. Ta' 16-il sena l-attrici itgharrsu.

Irrizulta pero' li meta l-attrici ghalqet is-sittax-il sena u, wara li harget mill-iskola, bdiet tmur tahdem, dina bdew jiguha dubji dwar kemm verament kienet sodisfatta bir-relazzjoni taghha mal-konvenut, u di piu' ta' sbatax-il sena kienet ukoll qabdet relazzjoni ma' ragel kollega taghha fuq il-post tax-xoghol. Konsegwentement, sena qabel iz-zwieg, hija kienet qalet lill-konvenut li riedet thassar ir-relazzjoni ta' bejniethom, izda meta saret taf ommha dina ghamlitilha oppozizzjoni qawwija fuqha u anke sawtitha. Fi kliem l-attrici: "Zijti [li kienet tghix Ghawdex] bdiet tghajjat li jmissni nisthi nitilqu wara li hallejtu jmissni, ghax dawk in-nies li kienu jarawna nidhlu f' dik id-dar kienu qalulha b' kollox. Ommi ma felhitx aktar, u haditha kontra tieghi ghall-ahhar. Bdiet tghajjat u twerzaq u poggietni go rokna, u bdiet issawwatni, haga li qatt m' ghamlet lanqas meta kont tifla zghira. Qatt ma rajtha hekk irrabbjata, u lanqas hija, ghax fil-fatt qabad u dahal bejnietna biex jilqa' d-daqqiet minn floki... Wara din ix-xenata kelli nibqa' Ghawdex ghax il-genituri tieghi kienu qedin hemm, u ma hallewnix nigi lura Malta. L-ghada li gara l-incident jien kelli mmur inkellem lil Leli ghax bzajt minn ommi."1 Fix-xhieda taghha l-attrici tghid: "kelli hafna pressure, I just had to give up."2 L-attrici tghid li lill-konvenut kienet

[1] Fol.34
[2] Fol.90

ghamlitilu cara li ma kienitx thobbu, izda dana xorta ried jibqa' fir-relazzjoni.

In propozitu ghal dan l-incident li l-attrici kellha ma' ommha, meta kien ghad kellha 17-il sena, ommha tiggustifika l-komportament taghha b' dan il-mod: "Kif rajt lil A, jien bdejt nirrabja u nghajjat maghha, peress li kienet hassret ir-relazzjoni taghha. Jiena kont hadtha bi kbira hafna u ghamilt ghaliha [sic] peress li Leli kien dejjem jaghmini bi kliem sabih. Apparti minn dan kont irrabbjata hafna maghha peress li Leli kien qalli li A kienet qieghda tiffrekwenta ragel iehor li kien mizzewweg u kellu zewgt-it tfal u li kien jahdem maghha."3 Tghid ukoll li l-attrici "kien kellha 17-il sena meta sehh dan l-incident, u peress li kienet ghadha ta' eta' tenera kienet lesta li tobdi dak kollu li nghidilha. Tant irrabbjajt ghaliha li kien hemm it-tifel John illi pprova jwaqqafni u jaqbez ghal ohtu, izda ma rnexxielux. B' hekk jien gghielt lil A tkompli bir-relazzjoni ma' Leli."4 Dan jinsab konfermat ukoll mill-istess John C, hu l-attrici.5

L-attrici tghid li ma kienitx ferhana li tkompli r-relazzjoni, kemm ghax irrealizzat li lill-konvenut ma kienitx thobbu, kif ukoll ghax sa minn qabel iz-zwieg huwa kellu l-vizzju li jixrob l-inbid, liema vizzju, waqt iz-zwieg, irrizulta li kien irrenda probelma serju. Kien jixrob il-kazin, u wara, kien imur jixrob id-dar. Dan kien idejjaqha lill-attrici, u l-vizzju teighu tax-xorb alkolholiku, kien il-kawza principali li rrendiet infelici l-hajja ta' l-attrici, matul iz-zwieg. L-attrici rrakkontat fid-dettal kemm batiet umiljazzjonijiet matul il-konvivenza matrimonjali minhabba dan il-vizzju ta' zewgha li, kien irrendih insensittiv fil-konfront taghha u tat-tfal, billi kien manifestament juri nuqqas ta' affezzjoni, kien juri aggressivita' meta jkun fis-sakra, u kien johloq problemi finanzjarji ghall-familja. Tghid li, wara li jkun jixrob il-kazin, huwa kien imur id-dar u kien jixrob flixkun inbid. Kien ikun ezigenti maghha, u okkazzjonalment kien anke jimponi ruhu fizikament fuqha l-att taz-zwieg.

---

3 Fol.78
4 Ibid.
5 Aff.fol.25

Illi l-konvenut kellu dan il-vizzju tax-xorb minn qabel iz-zwieg. Tghid li, fl-istadju bikri tan-namur taghhom, meta allura hija kellha 14-il sena kien tigbed l-attenzjoni tieghu ghall-fatt li "ghalija qieghed jixrob wisq inbid, izda hu kien jghidli li x-xorb lilu ma jaffettwahx."6 Il-konvenut xorta baqa' jixrob, u l-attrici kien jinkwetaha dan il-fatt, u kienet tipprova nutilment tipperswadih biex ma jixrobx. Hija tirrakkonta li, sahansitra anke waqt it-tieg taghhom huwa kien qaghad ma shabu fuq il-bar ; u rrizulta li fil-mument tal-going away, il-partijiet kellhom glieda peress li l-attrici kienet qed kontinwament tipprova zzommu milli jkompli jixrob. Izda huwa xorta kien xorob u "kien fis-sakra, u beda jaqbad mieghi u jghajjarni, liema fatt jinsab korroborat mi-xhud Valarie Zarb7 li kienet prezenti fil-kamra dak il-hin. Meta spicca t-tieg morna gewwa hotel biex inqattghu gimgha hemmhekk, [izda] ma' gara xejn specjali, Leli raqad, u jien bqajt imqajjma."8

Illi sadanittant l-attrici tghid li, nonostante li zzewwget, hija kienet kompliet ir-relazzjoni taghha mal-kollega taghha fuq ix-xoghol, liema relazzjoni tterminat wara erba' snin miz-zwieg meta l-attrici marret Ghawdex tghix ma' zewgha fid-dar matrimonjali.

Illi peress li l-konvenut baqa' jixrob, il-problemi komplew, anzi zdiedu ghaliex issa l-attrici kienet qeda tghix kontinwament mieghu fid-dar matrimonjali, u ma kellhiex l-appogg tal-genituri taghha ; ukoll beda t-tilwim serju mal-familjari tal-konvenut, bir-rizultat li f' okkazzjoni minnhom kienet anke giet aggredita minn ohtu. Tghid, li l-konvenut kien ghajjur hafna, u kien jippretendi, anzi jezigi, li martu tibqa' id-dar, filwaqt li hu kien johrog wahdu sabiex eventwalment jigi lura fis-sakra. "Leli ma kienx johrogni, baqa' johrog dejjem wahdu."9

Illi l-problema tax-xorb tal-konvenut kellha effett negattiv hafna fuq it-tfal taghhom, tant, li minhabba l-mod kif kien igib ruhhu quddiemhom, "it-tfal kienu imbezzghin hafna,

[6] Fol.31
[7] Aff. fol.112
[8] Fol.36
[9] Fol.35

lanqas sal-kamra tal-banju ma kienu jhalluni mmur bil-kwiet, ghax kienu jidhlu mieghi. Bdew jirribellaw, u kienu jsaqsu lil missierhom ghalfejn man-nies helu u cajtir, u maghna dejjem irrabbjat."10 Tghid li kien ihassar kull okkazzjoni, per ezempju birthdays, il-Milied, l-Ghid, ghax kien ikun dejjem fis-sakra.

Illi minhabba l-komportament tal-konvenut li kien ikun kwazi dejjem fis-sakra, il-partijiet kienu jiggieldu hafna, anke quddiem it-tfal, "konna niggieldu bl-ikrah, nitfghu li jkollna f'idejna ghal xulxin. It-tfal kienu jigu jigru biex jifirduna."11 L-attrici tispjega li b' dan l-agir tieghu huwa kien jimbuttaha, u ghalhekk kienet tkun riluttanti li jkollh x' taqsam mieghu ; izda "Gieli tant kien jiffittani, u jzommni bil-forza biex incedi, u gieli kont niggilidlu lura, u ghalhekk kien jissodisfa ruhu wahdu quddiemi biex jsfidani."12

Tghid li matul il-konvivenza matrimonjali hija riedet tissepara. "Kemm-il darba baghtlu ittra b' avukat biex nisseparaw, anke meta konna ghadna noqghodu Ghawdex, imma qatt ma hadni bis-serjeta'" Tghid li hija, nonostante dan kollu, kienet ipprovat li ssalva z-zwieg u ghalhekk ma kienitx hadet passi qabel is-separazzjoni de facto. Tant kien irresponsabbli l-konvenut fiz-zwieg, anke fejn jidhlu t-tfal, li "qabel ma jorqod kien jixrob flixkun inbid apposta biex ma jismaghhix [it-tifla] tibki bil-lejl, u kien jghidli f' wicci, u jekk tqum bil-lejl u nghidlu ha nhalliha daqsxejn hdejja, [jghidli] 'jekk naffigha, mhux tort tieghi."13 Eventwalment, f' 19 ta' April tas-sena 2004 telaq mid-dar konjugali.

*Verzjoni tal-Konvenut*

Illi fid-depozizzjoni tieghu l-konvenut jghid li ma kienx hemm problemi partikolari qabel iz-zwieg, ghax kieku ma kienux jizzewwgu. Jghid li fil-hajja matrimonjali huwa hassu tajjeb, u anke fiz-zwieg, sa tlettax-il sena tal-konvivenza, ma kienx hemm problemi gravi bejniethom ; izda xi sitt xhur qabel is-separazzjoni, l-attrici bdiet tkun

[10] Fol.43
[11] Fol.44
[12] Fol.45
[13] Fol.94

riluttanti ghall-att taz-zwieg, pero' qabel dan, ir-relazzjonijiet intimi bejniethom kienu "normali". Izda wara dak il-perijodu, it-tifel kixef lill-attrici li dina kienet qeda tkun ma' ragel iehor, u fil-fatt it-tifel qallu li "l-mummy kienet Ta' Qali ma' daddy iehor ma' ragel iehor"14 u semmieh b' ismu. Il-konvenut jghid li, l-attrici ghadha ma' dan ir-ragel, izda hu kien ippreparat li jahfrilha, "anke minhabba t-tfal".15

Illi fl-affidavit[16] tieghu, moghti sussegwentement, il-konvenut jikkonferma li meta zzewwgu ma kienx hemm problemi ; kienu jhobbu lil xulxin, u anke l-familji taghhom kienu jiffrekwentaw lil xulxin. Jikkonferma li qabel iz-zwieg kellhom x' jaqsmu flimkien volontarjament, u li meta kienu johorgu flimkien kienu jiehdu xi ftit inbid xi kultant ; izda "jiena qatt ma kelli l-vizzju tax-xorb".

Jghid li matul l-ewwel tlett snin taz-zwieg ir-relazzjoni sesswali taghhom kienet wahda tajba ; izda jghid li wara li kellhom l-ewwel tifla hi kienet tghidlu li wara li jkollhom tlett-it tfal hi kienet ser titilqu, u kienet turi x-xewqa li jkollha tarbija minn ragel iehor, sabiex imbaghad titilqu wkoll, u tkun tista' tiehu l-manteniment. Jghid li sesswalment qatt ma kellhom problema u dejjem hu fittixha lil martu.

Sussegwentement, minhabba kwistjoni li nqalet bejn ohtu u l-attrici, dawn nizlu joqghodu Malta fi f' appar tament Gwardamangia, sovrastanti ghall-appartament li fih kien joqghod mechanic li eventwalment l-attrici bdiet relazzjoni mieghu. Fl-ahhar sentejn tal-konvivenza matrimonjali, l-attrici bdiet tkun riluttanti fir-relazzjonijiet intimi bejniethom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-affidavits prezentati, u semghet lill-partijiet jiddeponu, hija tal-fehema li ghandha taghti aktar affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici, milli dik moghtija mill-konvenut; u dan, fuq bazi ta' verosimiljanza tal-fatti

[14] Fol.85
[15] Fol.87
[16] Fols.82-83

sodisfacentement provati. Jigi osservat ukoll li, filwaqt li l-attrici resqet diversi xhieda in sostenn tal-verzjoni taghha, il-konvenut strah biss fuq ix-xhieda u l-affidavit tieghu.

Zewg cirkostanzi partikolari li jinsabu sodisfacentement korroborati, u li huma ta' natura determinanti ghall-finijiet tal-ezami odjern, huma s-segwenti:

[1] Il-pressjoni qawwija li kienet sottomessa ghaliha l-attrici, allura tfajla ta' 17-il sena sabiex tizzewweg lill-konvenut, liema pressjoni kienet tikwalifika bhala fattur irreziztibbli ghaliha konsidrat il-fatt li dina kienet ghadha zghira hafna. Il-provi juru li l-attrici kienet imgieghla minn ommha, kontra qalba, sabiex tkompli bir-relazzjoni, u tizzewweg lill-konvenut. Ommha kienet refghet idejha fuqha, u bezzatha tant, li l-attrici kienet kostretta li tobdiha. Il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni li kellha ommha meta dina kienet saret taf li bintha ta' 17-il sena kienet qeda tiffrekwenta ragel mizzewweg, u riedet tara lil bintha migbura; u ghalhekk din il-verzjoni tal-fatti hija fic-cirkostanzi verosimili, kkunsidrat ukoll l-eta' li kellha l-attrici. Mill-banda l-ohra din il-Qorti ma tistax ma tosservax li dan in-nuqqas ta' ommha ssarraf fi zwieg infelici hafna ghal bintha u ghal uliedha.

[2] Il-vizzju tax-xorb tal-konvenut li rrenda nsapportabbli ghall-attrici l-konvivenza matrimonjali. Mill-provi jirrizulta li dan il-vizzju, li fiz-zwieg zviluppa fi problema serja, kien jezisti qabel iz-zwieg u kien ta' tfixkil serju ghall-hajja konjugali bejn il-partijiet, u l-provi juru bic-car li dan il-vizzju kien rrenda lill-konvenut inkapaci li jassumi l-obbligi tal-hajja konjugali, senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku u dak li l-partijiet jbnu bejniethom a community of life and love. Ir-rakkont dettaljat ta' l-attrici, li ma giex kontraddett mill-konvenut, juri b' mod car kemm il-problema tax-xorb tal-konvenut, li minhabba fiha huwa kien ikun ta' spiss fi stat ta' sokor, kien irrendih bniedem irresponsabbli lejn martu u lejn uliedu, bil-konsegwenza li hu kien jumilja lil martu kontinwament, u kien jghajjat ma' uliedu, anke meta kienu zghar. Fi kliem iehor kien irrendih insensittiv ghalihom, u ghal bzonnijiet taghhom.

Ferm il-premess il-Qorti f’ dan il-kaz tirravviza l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [a] fil-konfront ta’ l-attrici fi-sens li l-kunsens matrimonjali taghha kien inkiseb bil-biza’, b’mod li din ma kellhiex il-volonta’ libera li tghazel; u l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d] fil-konfront tal-konvenut li bil-komportament tieghu wera li fl-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa kien, minhabba l-problema tax-xorb, fl-inkapacita’ li jassumi obbligi essenzjali ghal hajja matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt, u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][a][d] tal-Kap.255, u ghalhekk jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-21 ta’ Lulju 1990.

Spejjez bla taxxa

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------